MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1689/2001/1

Angele Calleja

Vs

Claude Calleja, Galleria Management Limited kif ukoll ghal kull interess li jista' jkollha Derby International Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-24 ta' Ottubru 2001 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi Claude Calleja kien dahal bhala garanti solidali flimkien ma' Derby International Ltd ghall-dejn kuntrattat mill-istess Derby International Ltd favur Galleria Management Ltd ta' hamest elef erba' mija u hamsin lira maltija (LM5450.00) rappresentanti f'import ta'kambjala ffirmata mill-istess Claude Calleja fit-28 ta' Dicembru 1998 liema kambjala skadiet fit-28 ta' Dicembru 1999; illi fit-2 ta' Ottubru 2001 Galleria Management Ltd interpellat lill-istess Claude Calleja u Derby International ltd sabiex ihallsu l-valur ta' l-istess kambjala flimkien ma l-imghax relattivi; illi l-attrici

tigi mart l-konvenut Claude Calleja u bejniethom issehh u kienet fid-data tal-firma ta''l-istess kambjala u ta' l-ghemil tal-fuq imsemmija garanzija tezisti l-komunjoni ta' l-akkwisti; illi l-attrici ma kienet taf b'xejn bil-firmar ta' dina l-kambjala u l-ghoti ta' dina l-garanzija ghan-negozju ta' Derby International Ltd minn zewgha Claude Calleja u ghalhekk l-istess kambjala u garanzija gew maghmulin bi ksur tad-drittijiet taghha bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti flimkien ma zewgha Claude u in eccess tal-poteri moghtija mil-ligi lil Claude Calleja fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom; illi l-istes Angele Calleja saret taf biss recentement bl-ezistenza ta' din il-kambjala u ta' dan il-kreditu u senjatament wara n-notifika tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru 2001; illi ghalhekk konsegwentement l-istess kambjala u garanzija moghtija mill-konvenut Claude Calleja lil Gallaria Management Ltd kienet nulla u bla effett billi mehuda minghajr il-kunsens ta' l-istess Angele Calleja bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u bejn zewgha Claude Calleja; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li l-kambjala u kreditu relattiv mandat mill-konvenuti Galleria Management Ltd, fl-ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru 2001 huma nulli u invalidi billi maghmulin minghajr il-kunsens u adezjoni taghha bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u bejn zewgha Claude Calleja.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Galleria Management Limited presentata fit-18 ta' Dicembru 2001 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici (li trid tipprova li z-zwieg taghha huwa regolat bis-sitema tal-komunjoni tal-akkwisti) huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi:-

a) l-obbligazzjoni assunta minn Claude Calleja u l-accettazzjoni tieghu li jiffirma l-kambjala mhumiex atti straordinarji li huma elenkati b'mod esklussiv fl-artikolu 1322(3) tal-Kodici Civili;

b) minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk dawk l-attijiet kienu ta' natura straordinarja, jidhlu bhala parti mill-gestjoni normali tal-kummerc jew negozju ta' Claude Calleja u kwindi koperti bl-artikolu 1324 tal-Kodici Civili;
c) minghajr pregudizzju f'kull kaz, l-attijiet in kwistjoni huma dwar mobbli, u, kif jiddisponi l-artikolu 1326(5) tal-Kodici Civili, il-parti l-ohra ma tistax titlob l-annullament ta' dak l-attijiet.
1. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati, dan ma jwassalx ghan-nullita' tal-obbligazzjoni jew tal-kambjala, izda, se mai, li dik l-obbligazzjoni ma tolqotx il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Calleja, izda tkun obbligazzjoni parafernali tal-konvenut Claude Calleja; kwindi, t-talba attrici, kif proposta, ma tistax tigi milqugha.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' Galleria Management Ltd.

Il-konvenuti Claude Calleja u Derby International Ltd, debitament notifikati ma pprezentaw ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk illum huma kontumaci.
Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Jannar 2002 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-18 ta' Frar 2002 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Bi skrittura privata tal-11 ta' Novembru 1997 is-socjeta' Derby International Limited kienet hadet b'titolu ta' kera minghand is-socjeta' Galleria Management Ltd xi ambjenti formanti parti mill-Galleria Shopping & Entertainment

Centre li tinsab f'Zabbar Road, Fgura versu l-kera u taht il-kondizzjonijiet hemm imsemmija. Li skrittura ta' lokazzjoni giet iffirmata mill-konvenut Claude Calleja qua direttur tal-istess socjeta'.

L-azzjonisti tas-socjeta' Derby International ltd fiz-zmien meta giet iffirmata li skrittura fuq imsemmija kienu A.M. Holdings Limited, li hija "wholly owned mill-attrici" u li kellha 9,999 'share' fis-socjeta' Derby, filwaqt li l-konvenut Claude Calleja kellu 'share' wahda. F'dak iz-zmien id-diretturi taghha kienu l-attrici u l-konvenut Claude Calleja. Jinghad ukoll ir-rappresentanza tas-socjeta' in kwistjoni kienet vestita f'kull wiehed mid-diretturi separatament.

Fit-28 ta' Dicembru 1998, billi s-socjeta' inkwilina kienet qed tirriskontra xi problemi fil-hlas tal-kera dovut, giet iffirmata skrittura privata ohra fejn, wara li gew emendati xi kundizzjonijiet tal-iskrittura originali mhux relevanti ghall-kaz sotto ezami, gie dikjarat li s-socjeta' Derby International Ltd kienet debitrici ta' Galleria Management Ltd fis-somma ta' ghaxart elef lira maltin (LM10,000.00), u li "*The balance of ten thousand maltese liri (LM10,000) as part of the once only consideration shall be paid as to five thousand maltese liri (LM5,000) on the 28th December 1998* (u cioe dak inhar tal-iskrittura) *without interest, while the remaining balance shall be paid together with 8% interest per annum and 1% administration charge by not later than the 30th December, 1999 with the tenant reserving in his favour the right to pay interests on a skaletta basis up to the date of effective payment should he opt to effect payment earlier.*" In garanzija ta' dan il-pagament "*The tenant* (Derby International Ltd) *is presently issuing in favour of the owner one bill of exchange in respect of the amount due.*" Kien ghalhekk li giet mahruga kambjala ghall-ammont ta' LM5,450 rappresentanti l-kapital, l-imghax ta' 8% u l-administration charge u liema kambjala, kuntrarjament ghal dak li jinghad fl-iskrittura dwar l-iskadenza tad-debitu, kellha tiskadi fit-28 ta' Dicembru 1999.

Fuq l-istess skrittura gie dikjarat li kien qed jidher ukoll Claude Calleja "*who jointly and severally with the owner*

(recte tenant) *guarantees in his personal capacity the payment to the owner of the balance of the once only consideration and to this effect <u>he is also signing the one bill of exchange in his personal capacity.</u>"*

Il-kambjala imsemmija, li kopja taghha tinsab a fol 82 tal-process, tindika lis-socjeta' Derby International Ltd u Claude Calleja bhala traenti, u l-firem ta' l-istess Claude Calleja jidhru fuq l-istess dokument sew fil-kapacita tieghu ta' direttur tas-socjeta' Derby kif ukoll personalment.

Ikkunsidrat:

L-attrici xhedet li hija zzewget lil Claude Calleja fl-10 ta' Lulju 1982 u ghal dan iz-zwieg ma kienet giet iffirmata ebda skrittura jew kuntratt. Minn dan il-Qorti tifhem li z-zwieg tal-konjugi Calleja  huwa regolat taht is-sistema tal-komunjoni ta' l-akkwisti a termini ta' l-artikolu 1316 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi hemm presunzjoni favur dan ir-regim meta ma jigiex espressament eskluz.

L-attrici tkompli tghid, u f'dan hija korroborata mill-konsulent legali tas-socjeta' Galleria Management Ltd, li, fid-data tal-iffirmar tal-iskrittura privata tat-28 ta' Dicembru 1998, hija ma kienetx presenti u li ma kienetx taf bil-kambjala qabel ma saret interpellazzjoni ufficjali mis-socjeta' Galleria Management Ltd f'Ottubru 2001. Fil-verita' l-istess attrici stqarret li hija kienet taf bl-ezistenza ta' kambjala biss dejjem hasbet li din kienet tolqot il-kumpanija u li konsegwentement ma kienetx iffirmata minn zewgha fil-kapacita' tieghu personali. L-attrici ukoll xhedet li hija tahdem gewwa hanut f'Tas-Sliema proprjeta' ta' A.M. Holdings Ltd filwaqt li zewgha jkun fil-hanut li jinsab fil-Galleria Shopping & Entertainment Centre gestit mis-socjeta' Derby International Ltd.

F'dawn il-proceduri ghalhekk l-attrici qeghdha titlob li jigi dikjarat li l-kambjala u l-kreditu relattiv tas-socjeta' Galleria Management Ltd jigu dikjarati nulli u invalidi "*billi maghmulin minghajr il-kunsens u adezjoni taghha bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u bejn zewgha Claude Calleja."* In sostenn ta' din il-pretensjoni l-

attrici qed taghmel referenza ghall-artikolu 1322 tal-Kodici Civili li jiddisponi li "*Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wiehed jharrek u jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien.*" L-attrici qed isostni li gialadarba zewgha dahal garanti mas-socjeta' Derby Interational Ltd u mhux hekk biss, talli ukoll iffirma kambjal ad insaputa taghha in garanzija tal-pagament dovut mill-istess socjeta', liema atti jammontaw ghall-atti ta' amministrazzjoni straordinarja skond is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 1322 imsemmi, hija ghandha d-dritt li titlob r-rexissjoni tal-obbligazzjoni hekk assunta a termini ta' l-artikolu 1326 tal-Kap 16 billi tali att johloq "*jedd reali jew personali fuq proprjeta' immobbli*" (appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti), u fi kwalunkwe kaz anke jekk tali atti jolqtu proprjeta' mobbli appartenenti lill-komunjoni, dawn ukoll jistghu jigu annullati billi "*nghataw b'titolu gratuwitu*" kif jiddisponi l-istess artikolu.

Dan id-dritt ghandu jigi ezercitat fit-terminu perentorju ta' tlett snin jew mid-data meta l-parti interessata ssir taf bl-att, jew mid-data tar-registrazzjoni, meta dak l-att jehtieg registrazzjoni, jew mid-data li tintemm il-komunjoni tal-akkwisti. Izda ssubinciz (3) tal-artikolu 1326 jkompli jiddisponi li tali dritt jispicca *"malli jaghlqu tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta' att gudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni ghal dak l-annullament."*

Mir-rizultanzi processwali jidher li l-attrici istitwit dawn l-proceduri fit-termini legali sew taht l-ewwel alternattiva kemm taht it-tieni. Infatti l-kambjala giet iffirmata minn zewgha fit-28 ta' Dicembru 1998 u dak inhar ukoll inghatat il-garanzija solidali. Skond l-attrici hija saret taf b'dawn l-atti in konsegwenza tal-ittra ufficjali tas-socjeta' Galleria Management Ltd ta' Ottubru 2001. Dawn il-proceduri gew istitwiti fl-24 ta' Ottubru 2001 u ghalhekk jidher li l-azzjoni mehuda mill-attrici tentra fit-terminu ta' tlett snin fuq imsemmi, ghalkemm ma hemmx prova li l-attrici kienet taf b'dawn l-atti fid-data tal-iffirmar tal-kambjala, kif ukoll fit-terminu ta' tlett xhur mid-data tal-interpellazzjoni ufficjali.

Dan premess issa jridu jigu ezaminati l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Galleria Management Ltd.

**1. L-obbligazzjoni assunta min Claude Calleja u l-accettazzjoni tieghu li jiffirma kambjala mhumiex atti straordinarji li huma elenkati b'mod esklussiv fl-artikolu 1322(3) tal-Kodici Civili.**

Kif gja rajna aktar 'l fuq l-atti li jikkoncernaw dawn il-proceduri huma basikament tnejn. Fl-ewwel lok skond li skrittura tat-28 ta' Dicembru 1998 Claude Calleja intrabat personalment bhala garanti solidali mas-socjeta' Derby International Ltd ghal hlas tas-somma ta' LM5,000, piu l-imghax u l-administration charges, favur is-socjeta' Galleria Management Ltd. Fit-tieni lok huwa iffirma kambjala, fil-kapacita' tieghu personali, flimkien mas-socjeta' Derby International Ltd li l-import taghha kien ta' LM5,450 u li kellha skadenza sena wara l-hrug taghha.

Fost l-atti elenkati fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 1322 insibu li fil-paragrafu (h) hemm imnizzel bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja "***il-kuntratt ghal xi garanzija.***" L-ghoti ta' garanzija, sew semplici kif ukoll solidali, ma tehtieg l-att pubbliku izda hija sufficjenti skrittura privata, kif jiddisponi l-artikolu 1233 tal-Kodici Civili. Isewgi li din l-obbligazzjoni kienet wahda valida u skond l-provedimenti tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 1322 hija kunsidrata bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja.

L-iffirmar ta' '*kambjala*' ma huwiex per se att ta' amministrazzjoni straordinarja nkwantu tali att mhux elenkat fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu fuq imsemmi. Izda l-istess subinciz ta' l-artikolu 1322 jikkunsidra ukoll bhala atti ta'amministrazzjoni straordinarja sew dawk l-atti fejn jeddijiet reali fuq beni mmobbli jkunu akkwistati, mahluqa jew trasferiti; kif ukoll is-self ta' flus.

L-obbligazzjoni naxxenti mill-kambjala tista' fl-ewwel lok tigi ekwiparata ghall-self li Claude Calleja kien qed jaghmel lis-socjeta' Derby International Ltd billi bhala garanti kien ser jissodisfa debitu tal-istess socjeta' favur terzi u wkoll dik l-istess socjeta' kienet tkun responsabbli

ghar-restitutzzjoni lilu tal-ammont imhallas bhala konsegwenza ta' l-arrangamenti interni bejn d-debitur principali u l-garanti.

Fit-tieni lok l-kreditu tas-socjeta' Galleria Management Ltd rappresentat bil-kambjala jista' facilment, wara d-debiti proceduri, jissarraf f'jedd reali fuq il-beni mmobbli appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti u dana bir-registrazzjoni fir-registru pubbliku tas-sentenza relattiva.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Galleria Management Ltd mhux accettabbli u ghalhekk qed tigi michuda.

**2. Jekk dawk l-attijiet kienu ta' natura straordinarja, jidhlu bhala parti mill-gestjoni normali tal-kummerc jew negozju ta' Claude Calleja u kwindi koperti bl-artikolu 1324 tal-Kodici Civili.**

L-artikolu 1324 tal-Kap 16 jghid hekk: "*Atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma'dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.*"

Dan l-artikolu jikkrea eccezzjoni ghar-regola generali li tinsab enuncjata fl-artikolu 1322 tal-Kap 16 fuq riportat. Dan l-artikolu izda mhux intiz biex jaghti mano libera lil dik il-parti li tkun qed tiggestixxi negozju, kummerc jew professjoni biex, minghajr xkiel, t'addebita lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti b'dejn li altrimenti jkun suggett ghall-azzjoni ta' annullament. Dan l-artikolu, fil-fehma tal-Qorti, huwa intiz sabiex jiffacilita' l-atti ta' kull jum ta' negozjant, jew profesjonista li ma jistax jippretendi li, f'kull att ta' kummerc jew negozju, jew fl-ezercizzju tal-professjoni ta' dak li jkun, jkollu l-htiega tal-presenza tal-konsorti. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghar-regola ghandha tiftiehem b'mod restrittiv billi fl-ewwel lok dak l-'*att'* ghandu jkun marbut ma' dak in-negozju, kummerc jew professjoni

ezercitat regolarment minn dak li jkun, u fit-tieni lok din l-eccezzjoni hija intiza sabiex taghti l-fakolta lin-negozjant jew professjonista li jagixxi de proprjio minghajr l-htiega tal-konsorti, kif rikjest fis-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 1322. F’dan is-sens hija s-sentenza ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Jannar 1999 fil-kawza fl-ismijiet David Bonett vs Carmelo Borg u Mary Grace (Borg), konfermata fl-appell b’sentenza tas-6 ta’ Ottubru 1999. L-istess artikolu juza l-kliem “*l-atti ......... jkunu vestiti biss f’dik il-parti ....*” Dan juri li l-iskop ta’ dan l-artikolu hu biex titwarrab l-htiega tal-presenza tal-konsorti u mhux biex jxejjen dak li jinghad fl-artikolu 1322 u l-artikoli sussegwenti.

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li Claude Calleja, azzjonista minoritarju (b’share wahda biss minn 10,000 shares) fis-socjeta’ Derby International Ltd kien jokkupa l-posizzjoni ta’ salesman fil-hanut fil-Fgura gestit minn din is-socjeta’. Kull negozju ghalhekk ma kienx gestit minnu fil-kapacita’ tieghu personali izda f’isem u akkont tal-istess socjeta. Ghalhekk huwa difficli kif, apparti dak li inghad fuq, wiehed jista’ jallacca l-artikolu 1324 tal-Kap 16 ma dak li ghamel il-konvenut Calleja fit-28 ta’ Dicembru 1998. Huwa la kien negozjant, la kien jezercita xi negozju jew professjoni. Bl-att tieghu huwa semplicement rabat jew ittanta jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu, b’dejn ta’ terza persuna li kienet qed tiggestixxi negozju f’isimha. Din l-eccezzjoni ghalhekk mhux accettabbli u qed tigi michuda.

**3. F’kull kaz, l-attijiet in kwistjoni huma dwar mobbli, u, kif jiddisponi l-artikolu 1326(5) tal-Kodici Civili, il-parti l-ohra ma tistax titlob l-annullament ta’ dak l-attijiet.**

Din l-eccezzjoni ma hijiex accettabbli billi kif gja rajna supra l-artikolu 1326 subinciz (1) jiddisponi espressament fil-kaz ta’ atti dwar proprjeta’ mobbli billi jghid li dawn huma annullabbli meta l-jedd fuqhom ikun nghata “*b’titolu gratuwitu*”. Dan huwa proprju l-kaz in ezami billi l-garanzija solidali li ta il-konvenut Claude Calleja ma ghandha ebda korrispettiv.

Finalment qed jigi eccepit mis-socjeta' Galleria Management Ltd li **jekk it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati, dan ma jwassalx ghan-nullita' tal-obbligazzjoni jew tal-kambjala, izda se mai, li dik l-obbligazzjoni ma tolqotx il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Calleja, izda tkun obbligazzjoni parafernali tal-konvenut Claude Calleja, kwindi, t-talba attrici, ma tistax tigi milquha.**

Dikjarazzjoni ta' nullita' ta' obbligazzjoni tipproduci l-konsegwenzi naturali ta' tali nullita'. Jekk l-attrici, a termini tal-ligi, ghandha d-dritt li tannulla obbligazzjoni assunta mill-konvenut Claude Calleja dik l-obbligazzjoni ma tistax tibqa' in vigore, lanqas b'mod limitat, kif qed jigi suggerit mis-socjeta' konvenuta. Din il-Qorti ma tarax kif tista' titbiddel l-identita' tal-obbligat meta l-att li holoq dik l-obbligazzjoni issa gie dikjarat null. Jekk l-att fih innifsu huwa null minhabba l-assenza ta' xi rekwizit legali ma jistax jigi salvat billi l-obbligazzjoni, hekk dikjarata nulla, tibqa' vigenti kontra parti ohra. Kien jispetta lis-socjeta' Galleria Management Ltd li fil-kuntrattazzjonijiet ma' Claude Calleja tassikura li dak li kien qed jigi miftiehem kien jissodisfa r-rekwiziti kollha legali.

Dan premess pero' wiehed jrid jzomm distinzjoni netta bejn l-obbligazzjoni naxxenti mill-garanzija solidali u l-kambjala per se. L-ewwel obbligazzjoni hija annullabbli billi hija prekluza specifikatament mil-ligi u tali dikjarazzjoni ta' nullita' tolqot biss l-obbligazzjoni sussidjarja moghtija minn Claude Calleja waqt li l-obbligazzjoni tas-socjeta' Derby International Ltd tibqa' vigenti ghalkemm mhux sorretta bil-garanzija tal-konvenut Calleja.

Fil-kaz tal-kambjala din il-Qorti hija tal-fehma li kwalunkwe dikjarazzjoni ta' nullita' tal-obbligazzjoni assunta minn Calleja fuq il-kambjala ma ggibx awtomatikament in-nullita' tal-kambjala per se billi din tibqa' tissustixxi fil-konfront tas-socjeta' Derby International Ltd. Dan billi l-obbligazzjoni assunta minn din is-socjeta' fuq l-imsemmija kambjala bl-ebda mod ma hi affetta minn nullita stante li

Claude Calleja, qua direttur tas-socjeta' Derby International Ltd kellu kull dritt li jiffirma l-istess kambjala.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Galleria Management Ltd u fil-kontumacia tal-konvenuti l-ohra, tipprovdi fuq din il-vertenza billi filwaqt li tiddikjara nulla u bla effett l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut Claude Calleja meta dan intrabat solidalment garanti mas-socjeta' Derby International Ltd favur s-socjeta' Galleria Management Ltd fuq l-iskrittura tat-28 ta' Dicembru 1998, u fl-istess hin tiddikjara ukoll nulla u bla effett l-obbligazzjoni assunta mill-istess Claude Calleja fil-kapacita' tieghu personali fuq l-kambjala tat-28 ta' Dicembru 1998 filwaqt li zzomm ferma u valida ghal kull fini u effetti tal-ligi l-istess kambjala nkwantu din tolqot lis-socjeta' Derby International Ltd.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn it-tlett konvenuti u cioe terz Claude Calleja, terz Galleria Management Ltd u terz Derby International Ltd.

Onor Imhallef Albert J. Magri